

P6_TA(2007)0584

Livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill (Euratom) li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (verżjoni kodifikata) (COM(2007)0302 – C6-0205/2007 – 2007/0103(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM (2007)0302),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0205/2007),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0475/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.